MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2014

Numru. 1439/2011

**Il-Pulizija**

**[Spettur Anthony Cassar]**

**vs**

**Jonathan Meilak**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Jonthan Meilak detentur tal-karta tal-identita` numru 280285(M).

Akkuzat talli:

Fid-19 ta' Jannar, 2007, ghall-habta ta' xi t-tmienja nieqes kwart ta' fil-ghaxija, fi Triq Ghajn Dwieli, Rahal Gdid, Cospicua, saq vettura tal-marka Ford Escort bin-numru tar-registrazzjoni FAV-236

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, fejn involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi per durata fuq il-persuni ta' Jean-Paul Grogan mill-Kalkara u ta' Maria Privitelli mill-Fgura, skont kif iccertifika Dr Reuben Griscti MD tal-Isptar San Luqa, kif ukoll feriti ohra hfief fuq il-persuna ta' Kylie Bezzina mill-Kalkara skont ma' ccertifika Dr Barbara MD (Reg no 2925) mill-Isptar San Luqa

2. Fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna hsarat estensivi fil-vettura tal-marka Hyundai Pony bin-numru tar-registrazzjoni JAJ-316 ghad-dannu tal-imsemmi Jean-Paul Grogan kif ukoll hsarat ohra fil-vettura tal-marka Fiat Punto li ggib in-numru tar-registrazzjoni HAN-889 ghad-dannu ta' Mary Louise Attard minn San Pawl il-Bahar, li kienet ipparkjata fl-imsemmija Triq.

3. Saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata 4. perikoluza 5. bla kont 6. u b'giri iktar milli jmissu

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni fejn f'kaz ta' sejbien htija,tiskwalifikah mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghall-perjodu ta' mhux anqas minn tnax-il xahar minn mindu hekk instab hati;

Rat kopja tal-atti tal-process verbal mertu tal-incident adjeru redatt mill-Magistrat Lawrence Quintano (1166/07).

Rat l-atti kollha tal-kawza nkluza n-nota ta' cessjoni tal-proceduri kriminali mill-parte civile Jean-Paul Grogan.

Rat ukoll il-verbal datat 20 ta' Dicembru, 2013 fejn l-imputat Jonathan Meilak kif ukoll Jean-Paul Grogan li huwa wkoll jinsab akkuzat fi proceduri kriminali fuq dan l-incident, iddikjaraw illi qeghdin jirrinunzjaw ghal dak li hu rinunzjabbli u ddikjaraw li ma kienux ser jixhdu kontra xulxin.

Rat il-verbal tal-ufficjal prosekutur datat 9 ta' Gunju 2014 fejn iddikjara li in vista tar-rinunzji tal-partijiet ma kellu l-ebda prova ohra x'iressaq.

Ikkunsidrat illi ghalkemm fl-atti hemm vera kopja tal-process verbal mertu tal-incident, ma hemmx provi bizzejjed u skont il-ligi sabiex issib htija fuq l-imputat stante li la minn naha tal-prosekuzzjoni u lanqas minn naha tad-difiza ma ttellghu l-ebda prova. Dan ukoll tenut kont tar-rinunzji da parti tal-imputat kontra l-imputat l-iehor Jean-Paul Grogan u vice versa; u tenut kont ukoll illi l-

azzjonijiet fil-konfront tal-parte civile kienu gew preskritti bil-preskrizzjoni trimestrali qabel ma gie notifikat l-istess imputat.

Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, MVR 127 u l-Artikolu 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma ssibx lill-imputat, Jonathan Meilak hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------